III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-128 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 22.3.2018–23.3.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali emendat u strumenti baġitarji ġodda għaż-żona tal-euro

(2018/C 247/09)

Relatur Ġenerali:	Is-Sinjura Zrihen (BE/PSE), Membru tal-Parlament ta' Walloon
Dokumenti ta' referenza:	Komunikazzjoni dwar strumenti baġitarji ġodda għal żona tal-euro stabbli fi ħdan il-qafas tal-Unjoni
	COM(2017) 822 final
	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li jadatta l-objettiv ġenerali tiegħu
	COM(2017) 825 final
	Għall-informazzjoni:
	Komunikazzjoni dwar aktar passi lejn it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa: Pjan Direzzjonali
	COM(2017) 821 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li jadatta l-objettiv ġenerali tiegħu
COM(2017) 825 final

Emenda 1

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ("il-Programm") ġie stabbilit bl-objettiv li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex iħejju u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jtejbu t-tkabbir, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv ta' fondi tal-Unjoni. L-appoġġ taħt il-Programm jiġi pprovdut mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, ***u jista' jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika.*** L-iżvilupp ta' ekonomiji reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi u soċjali sodi, li jippermettu lill-Istati Membri biex jassorbu x-xokkijiet b'mod effiċjenti u li jirkupraw minnhom malajr, jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika ***u*** soċjali. ***L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jiffavorixxu t-tkabbir hija strument adegwat biex jinkiseb żvilupp bħal dan.***	Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ("il-Programm") ġie stabbilit bl-objettiv li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex iħejju u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jtejbu t-tkabbir ***li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi tat-Trattat tal-UE u li huma relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE***, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni. L-appoġġ taħt il-Programm jiġi pprovdut mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru. L-iżvilupp ta' ekonomiji reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi u soċjali sodi, li jippermettu lill-Istati Membri biex jassorbu x-xokkijiet b'mod effiċjenti u li jirkupraw minnhom malajr, ***għandu*** jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali ***u territorjali***. ***Is-sjieda tar-riformi strutturali rilevanti għall-UE fil-prattika, b'mod partikolari mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-sħab soċjali, hija essenzjali sabiex il-Programm jirnexxi.***

Emenda 2

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
It-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika ***u*** soċjali ***bit-tisħiħ ta'*** riformi strutturali hija kruċjali għal parteċipazzjoni b'suċċess ***fl-***Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan hu ta' importanza partikolari għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhux l-euro, fit-tħejjija tagħhom sabiex jingħaqdu maż-żona tal-euro.	It-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali ***u territorjali permezz tal-implimentazzjoni ta'*** riformi strutturali ***li jippreżentaw interess għall-UE*** hija kruċjali għal parteċipazzjoni b'suċċess ***u konverġenza akbar fi ħdan l-***Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan hu ta' importanza partikolari għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhux l-euro, fit-tħejjija tagħhom sabiex jingħaqdu maż-żona tal-euro.

Emenda 3

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Huwa wkoll neċessarju li jiġi indikat li l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Programm jistgħu jkunu ta' appoġġ għal riformi li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri li jixtiequ jadottaw l-euro biex iħejju rwieħhom għall-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro.	

Raġuni

Redundant given Recital 3

Emenda 4

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Sabiex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber mill-Istati Membri għall-appoġġ, u fid-dawl tal-bżonn li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, l-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm għandha tiżdied għal livell suffiċjenti li jippermetti lill-Unjoni li tipprovdi appoġġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawk l-Istati Membri li jagħmlu t-talba.	Sabiex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber mill-Istati Membri għall-appoġġ, u fid-dawl tal-bżonn li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ***rilevanti għall-UE*** fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, l-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm għandha tiżdied ***billi jintuża l-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 11 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għal livell suffiċjenti li*** jippermetti lill-Unjoni li tipprovdi appoġġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawk l-Istati Membri li jagħmlu t-talba.

Emenda 5

Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
"Artikolu 4	*"Artikolu 4*
L-objettiv ġenerali	**L-objettiv ġenerali**
L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet ***nazzjonali*** għal miżuri intenzjonati li jirriformaw u jsaħħu l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jittejbu l-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-investiment, li jkun ukoll ta' tħejjija għall-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, fosthom permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti, effettiv u trasparenti tal-fondi tal-Unjoni.";	L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri***, li jikkostitwixxi valur miżjud Ewropew fl-oqsma ta' azzjoni rilevanti tal-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u li għad mhumiex is-suġġett tal-programmi ta' assistenza teknika,*** billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet-***pubbliċi tal-Istati Membri*** għal miżuri intenzjonati li jirriformaw u jsaħħu l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jittejbu l-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-investiment, li jkun ukoll ta' tħejjija għall-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, fosthom permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti, effettiv u trasparenti tal-fondi tal-Unjoni.";

Emenda 6

Artikolu 1(1)a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Artikolu 5.2
	L-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 jirreferu għal oqsma ta' politika relatati mal-koeżjoni, mal-kompetittività, mal-produttività, mal-innovazzjoni, mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, mal-impjiegi u mal-investiment, b'mod partikolari ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
	a) il-ġestjoni finanzjarja u tal-assi pubblika, il-proċess tal-baġit, il-ġestjoni tad-dejn u l-amministrazzjoni tad-dħul;
	b) ~~***ir-riforma istituzzjonali u l-***~~il-funzjonament effiċjenti ~~***u orjentat lejn is-servizzi***~~ tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż, meta jkun xieraq, permezz tas-simplifikazzjoni tar-regoli, l-istat tad-dritt effettiv, ir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji u l-infurzar tal-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus;
	c) l-ambjent tan-negozju (inkluż għall-SMEs), ir-riindustrijalizzazzjoni, l-iżvilupp tas-settur privat, l-investiment, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-intrapriżi, ~~***il-proċessi ta' privatizzazzjoni***~~, il-kummerċ u l-investiment barrani dirett, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku, l-iżvilupp settorjali sostenibbli u l-appoġġ għall-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;
	d) l-edukazzjoni u t-taħriġ; il-politiki tas-suq tax-xogħol, inkluż id-djalogu soċjali, għall-ħolqien ta' impjiegi; il-ġlieda kontra l-faqar; il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali; is-sigurtà soċjali u s-sistemi tas-sigurtà soċjali; is-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa; kif ukoll il-koeżjoni, l-asil, il-migrazzjoni u l-politiki tal-fruntieri;
	e) il-politiki għall-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika, għall-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija u għall-kisba tad-diversifikazzjoni tal-enerġija, kif ukoll għas-settur agrikolu, tas-sajd u tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali;
	f) il-politiki tas-settur finanzjarju, inkluża l-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju, l-istabbiltà finanzjarja, l-aċċess għall-finanzjament u s-self lill-ekonomija reali; il-produzzjoni, il-forniment u l-monitoraġġ ta' kwalità tad-data u l-istatistiki; u l-politiki mmirati lejn il-ġlieda tal-evażjoni tat-taxxa.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

Dwar l-emenda għar-Regolament għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali 2018-2020

1. Jaqbel mal-prinċipju sottostanti ta' dan il-programm ta' appoġġ, li għandu l-għan li jipprovdi – fuq bażi volontarja u fuq talba – assistenza teknika fir-rigward tar-riformi strutturali fl-Istati Membri. Madankollu, fil-fehma tal-KtR, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-riformi strutturali eliġibbli għall-appoġġ tal-UE għandu jiġi limitat għal oqsma ta' politika li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi tat-Trattat tal-UE u li huma relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE. Il-KtR jirrifjuta kwalunkwe proposta għal finanzjament ta' riformi strutturali mhux speċifikati fl-Istati Membri li ma saritilhom l-ebda valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew minn qabel u li mhumiex relatati direttament mal-kompetenzi tal-UE bbażati fuq it-Trattat. F'dan il-kuntest, josserva r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Frar 2018 li tirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jemenda r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 tas-6 ta' Diċembru 2017 ([1]);

2. jingħaqad mal-Kummissjoni dwar il-fatt li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-programm ta' appoġġ għandu jkun li titjieb il-kapaċità amministrattiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern fl-Istati Membri li jagħmlu t-talba; jenfasizza l-importanza ta' governanza fuq diversi livelli u approċċ ibbażat fuq il-post ladarba jkunu jridu jiġu determinati u implimentati r-riformi;

3. jitlob li jkun hemm sett uniku ta' linji gwida li jkopru l-għodod għat-titjib tal-istrutturi amministrattivi kollha ffinanzjati mill-UE u li jippermettu koordinazzjoni effettiva ma' programmi ta' assistenza teknika eżistenti fil-livell tal-UE u tal-Istat Membru benefiċjarju, kif mitlub ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA);

4. jiddispjaċih li l-Kummissjoni m'għandhiex data kwantitattiva u kwalitattiva li turi l-effettività tal-programm; jenfasizza li bħala programm ta' appoġġ tekniku, il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għandu jsir permanenti wara l-2020 biss fuq valutazzjoni pożittiva tar-riżultati tiegħu għall-2017-2020;

5. jenfasizza li, fuq il-bażi tad-diviżjoni tas-setgħat u r-responsabbiltajiet fis-seħħ f'kull Stat Membru kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSR) ta' spiss indirizzati lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-programm għandu jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

6. jinsab kuntent li l-Kummissjoni tipproponi li jiżdied il-baġit tal-programm SRSP emendat billi jintuża l-Istrument ta' Flessibbiltà skont l-Artikolu 11 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali;

Dwar is-sjieda u l-finanzjament ta' riformi strutturali rilevanti għall-UE

7. jenfasizza li fl-Istati Membri hemm ħafna ostakoli għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni adegwati tar-riformi strutturali rilevanti għall-UE, inkluż nuqqas ta' sjieda, kumplessità politika u istituzzjonali tar-riformi, impatti negattivi possibbli fuq gruppi soċjali u territorji, nuqqas ta' spazju fiskali biex iġarrab il-kost tar-riformi, kapaċità amministrattiva u istituzzjonali insuffiċjenti, u nuqqas ta' koordinazzjoni fil-livelli tal-gvern. Ġeneralment, is-sjieda fil-livell nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-CSR għadha titqies bħala insuffiċjenti u dan huwa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' involviment sħiħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess bħala sħab;

8. jenfasizza li ċentri ta' għarfien, li jipprovdu assistenza teknika b'xejn lill-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar kif għandhom jiġu interpretati r-regoli tal-UE u jużaw il-Fondi tal-UE, jaqdu rwol importanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli u l-assorbiment tal-Fondi; jistieden lill-Istati Membri li m'għandhomx tali ċentri ta' għarfien biex jipprevedu l-ħolqien tagħhom u dan sabiex jiġi faċilitat l-użu effettiv tal-istrument baġitarju l-ġdid.

9. jenfasizza li filwaqt li ċerti CSR għandhom ankraġġ legali permezz tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) rilevanti u tal-proċeduri ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), oħrajn huma ta' rilevanza politika minflok ma huma legalment vinkolanti; jinnota li la t-theddida ta' sanzjonijiet taħt il-PST u l-MIP u lanqas espożizzjoni politika ma żguraw implimentazzjoni

([1]) COM(2017) 826 final.

sodisfaċenti tas-CSR u żieda fis-sjieda tar-riformi; japella għal approċċ li jkun aktar minn isfel għal fuq permezz tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex tinħoloq sjieda akbar;

10. jinnota li, filwaqt li mhemmx dubju dwar l-importanza tal-koordinazzjoni ta' politika ekonomika fl-UE, irid jiġi vverifikat jekk l-inċentivi u l-impenji finanzjarji previsti għal ċerti riformi fl-Istati Membri għandhomx effettivament bażi ġuridika korrispondenti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jistaqsi għalhekk dwar il-proġett li ser jinkludi riżorsi finanzjarji sostanzjali fi strument li jipprovdi appoġġ fuq bażi purament volontarja u jibbaża fuq sistema trasparenti tal-għażla u ta' validazzjoni tad-domandi, li jaf ikun problema f'termini ta' prijoritizzazzjoni tematika, pjanifikazzjoni baġitarja u ekwilibriju territorjali ġust;

11. jinsisti wkoll li fid-dawl tad-diviżjoni attwali tas-setgħat, ħafna riformi strutturali rilevanti għall-UE jaffettwaw oqsma ta' kompetenza kondiviża tal-livell nazzjonali u subnazzjonali tal-gvern. Għalhekk, biex jiġi evitat ksur tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, huwa neċessarju li l-Istati Membri jinvolvu l-livelli reġjonali u lokali bħala sħab permanenti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali;

12. jiddeplora, għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni li jintlaħaq qbil dwar l-impenn bilaterali ta' riforma u l-inċentivi finanzjarji bejn il-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali u implimentata fil-kuntest tas-Semestru Ewropew mingħajr ma tiġi prevista assoċjazzjoni formali tal-livell reġjonali jew lokali skont it-tqassim intern tal-kompetenzi tal-Istat Membru. Fil-fatt, hemm riskju reali li l-approċċ propost iwassal għal kontestazzjoni ta' dan it-tqassim tal-kompetenzi u l-ksur tal-prinċipji ta' sussidjarjetà jew l-awtonomija lokali jew reġjonali kif definiti fil-karti korrispondenti tal-Kunsill tal-Ewropa. Bħala eżempju, id-dokument ta' riflessjoni dwar "l-approfondiment tal-UEM", ippubblikat mill-Kummissjoni f'Mejju 2017, jirreferi pereżempju għall-proposti li jintlaħaq qbil dwar l-istandards vinkolanti biex titkejjel il-kwalità tal-infiq pubbliku. Sorveljanza fuq dawn l-istandards permezz ta' tabelli ta' valutazzjoni eżistenti tiġi inkorporata fis-Semestru Ewropew. Il-fatt li l-aċċess għall-fondi tal-UE jkun jiddependi fuq il-ksib ta' livell partikolari ta' dawn l-istandards, iwassal biex l-UE timponi l-approċċ u d-direzzjoni tal-politika tagħha f'oqsma ta' politika li fihom hija tikkondividi l-kompetenzi mal-livelli l-aktar baxxi ta' gvern – u dan ikun jikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

13. jiddeplora, barra minn hekk, li l-kriterji għall-valutazzjoni tal-issodisfar tal-impenji ta' riforma u l-iskattar ta' partijiet tal-pagament huma stabbiliti u amministrati mill-Kummissjoni waħedha, mingħajr l-awtoritajiet tal-Istat Membru; jinnota li l-proposta hija nieqsa minn trasparenza dwar il-kriterji tal-valutazzjoni u li tali kriterji ma jistgħux jiġu dedotti mis-CSR, li ġeneralment huma ddefiniti mingħajr miri, għanijiet u dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ sistemiku; jemmen finalment li l-inċentivi finanzjarji tal-UE ma għandhomx jitqiesu bħala rieda ta' evażjoni tal-proċessi demokratiċi fil-livell Ewropew jew nazzjonali jew ir-rikatt finanzjarju;

14. jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma tipprovdi l-ebda bażi u indikazzjoni dwar kif l-inċentivi finanzjarji proposti għandhom jiġu kkwantifikati, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kwantifikazzjoni tal-kostijiet fuq terminu qasir tar-riformi x'aktarx li tvarja b'mod konsiderevoli, skont jekk din tinkludix kostijiet amministrattivi biss (tfassil, implimentazzjoni, u bini ta' kapaċità) jew anke kostijiet soċjali;

15. jenfasizza li l-impenji ta' riforma għandhom jibnu fuq valutazzjoni realistika tal-isfidi tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-korpi pubbliċi kkonċernati, u għandhom jinkludu strateġiji għat-titjib tal-istrutturi amministrattivi xierqa. Il-kundizzjonijiet mhux ekwi li jeżistu bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE fir-rigward tal-istrutturi amministrattivi, murija wkoll mill-analiżi tal-KtR tas-CSR minn perspettiva territorjali, għandhom jitqiesu;

16. jinnota li politiki oħra tal-UE jgħinu fil-promozzjoni ta' riformi strutturali. Dan huwa l-każ għall-Fondi SIE, permezz ta' kundizzjonalitajiet ex-ante, dment li dawn ikunu relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mat-titjib tal-istrutturi amministrattivi u, permezz ta' konċentrazzjoni tematika, mal-implimentazzjoni tar-riformi li jaqgħu taħt l-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza għalhekk li hemm ħtieġa kbira li jiġi pprovdut qafas ta' politika sussegwenti għall-Istrateġija Ewropa 2020 sabiex fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss tkun permessa konċentrazzjoni tematika kontinwa; jenfasizza li dan il-qafas ġdid jeħtieġ li jkun ibbażat fuq viżjoni territorjali ġdida li taġġorna l-Perspettiva ta' Żvilupp Spazjali tal-1999 ([2]);

([2]) CdR 4285/2015

17. jinsisti wkoll li kwalunkwe rabta ulterjuri bejn ir-riformi strutturali rilevanti għall-UE u l-politika ta' koeżjoni tagħmilha ħafna aktar importanti li s-Semestru Ewropew jiġi demokratizzat fil-livell Ewropew u jiġi kkomplementat minn Kodiċi ta' Kondotta li jistabbilixxi standards għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex tiżdied l-effiċjenza u s-sjieda tal-proċess ([3]); jenfasizza li l-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità, tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli għandhom ikunu l-pedament komuni tal-politika ta' koeżjoni u politiki oħra tal-UE li jappoġġjaw ir-riformi strutturali;

18. itenni t-talba tiegħu li l-għodod baġitarji ġodda tal-UEM jiġu ffinanzjati mingħajr ma jiġi eliminat l-investiment privat kif ukoll fondi pubbliċi oħra bħal skemi ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni;

19. iqis li l-proposta għal inċentivi finanzjarji għal riformi strutturali, kif ippreżentata fil-komunikazzjoni, hija insuffiċjenti bħala bażi li fuqha jiġu żviluppati l-proposti leġislattivi meħtieġa; jiddeplora li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt u lanqas konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati qabel ma ppublikat din il-proposta;

20. jiddispjaċih li l-proposta għal fażi pilota fl-2018-2020 għall-għodda ta' twettiq ta' riforma, u l-bidliet relatati mar-regolament SRSP u mas-CPR, huma inkonsistenti mal-pubblikazzjoni mħabbra tal-proposta l-ġdida tal-QFP f'Mejju 2018;

21. għalhekk jissuġġerixxi li meta tiġi żviluppata għodda ta' appoġġ finanzjarju biex tappoġġja r-riformi strutturali jitqiesu **l-prinċipji li ġejjin**:

— l-appoġġ baġitarju għal riformi strutturali biex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jaqgħu taħt il-politika ta' koeżjoni għandu jkun appoġġjat permezz tal-programmi FSIE futuri filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà, tas-sħubija u l-governanza fuq diversi livelli minflok jiġi stabbilit porgramm ta' finanzjament separat;

— is-sehem tal-politika ta' koeżjoni fil-QFP li jmiss għandu jibqa' fl-istess livell bħal dak tal-lum sabiex tiġi żgurata effettività tal-politika, u t-"tneħħija ta' fuq nett" tar-riżorsi FSIE biex jiġu ffinanzjati riformi strutturali għandha tiġi evitata;

— il-finanzjament mill-UE għal riformi strutturali li jaqgħu taħt il-politika ta' koeżjoni għandu jiġi appoġġjat billi jingħata self minflok għotjiet;

— il-mod li bih jiġu ddefiniti r-riformi strutturali u tittieħed deċiżjoni dwarhom jeħtieġ li jiġi rivedut billi jiġu inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Dan jippermetti li tiżdied "dimensjoni territorjali" mas-Semestru Ewropew u tiġi faċilitata wkoll id-diversità territorjali fl-Ewropa, li jittieħed kont tagħha u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u jgħin biex tiġi rispettata d-diviżjoni tal-poteri fi ħdan l-UE;

— kwalunkwe proposta għall-finanzjament mill-UE għal riformi strutturali jeħtieġ li tinkludi valutazzjoni tal-impatt ex ante u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u għandha tinkludi dispożizzjonijiet għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu.

Strumenti baġitarji għall-Istati Membri li huma lesti li jingħaqdu mal-euro u għall-Unjoni Bankarja

22. Jinnota li strutturi ekonomiċi reżiljenti u grad għoli ta' konverġenza sostenibbli huma prekundizzjonijiet għall-Istati Membri biex jadottaw l-euro; jilqa' l-proposta li tinħoloq faċilità ta' konverġenza biex tappoġġja lill-Istati Membri li jinvolvu ruħhom f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara r-rwoli rispettivi tal-faċilità ta' konverġenza, is-SRSP, il-Fondi SIE u l-Fond ta' Koeżjoni;

([3]) CdR 5386/2016

23. itenni l-appoġġ tiegħu għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja; jinnota li l-Istati Membri għadhom ma qablux dwar garanzija ta' kontinġenza fiskali f'każ li l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ma jkunx biżżejjed; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi linja ta' kreditu jew garanziji fi ħdan il-Fond Monetarju Ewropew futur;

Funzjoni ta' stabbilizzazzjoni li tipproteġi l-investiment minn xokkijiet asimmetriċi kbar

24. Itenni li d-differenzi fiċ-ċikli kummerċjali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, li jirriżultaw minn fatturi strutturali, jistgħu jitneħħew billi jinħoloq strument tal-UE li jindirizza x-xokkijiet asimmetriċi; jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-kriterji li jeħtieġ li tissodisfa l-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni;

25. itenni l-fehma tiegħu li sabiex ikun effettiv, kwalunkwe appoġġ potenzjali ma għandux jirkeb l-istrumenti eżistenti bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), iżda minflok jikkomplementahom;

26. jaqbel mal-Kummissjoni li l-kapaċità fiskali għandha tkun kbira biżżejjed biex tkun effettiva; itenni madankollu l-oppożizzjoni tiegħu għall-fatt li l-kapaċità fiskali taż-żona tal-euro ssir intestatura taż-żona tal-euro fil-baġit tal-UE filwaqt li l-limitu tar-riżorsi proprji jibqa' fiss fil-livell attwali ta' 1,23 % tal-ING tal-UE, sabiex jiġi evitat l-effett ta' eliminazzjoni fuq il-finanzjament għall-FSIE u politiki oħra tal-UE;

27. jenfasizza li funzjoni ta' stabbilizzazzjoni li tippreżerva l-livelli ta' investiment pubbliku fi żminijiet diffiċli minn xokkijiet asimmetriċi kbar hija ta' importanza kbira għall-awtoritajiet lokali u reġjonali; jemmen li l-Iskema ta' Protezzjoni tal-Investiment Ewropew proposta tista' tkun l-ewwel pass lejn tali funzjoni ta' stabbilizzazzjoni;

28. jinsisti fuq l-importanza tal-"funzjoni ta' stabbilizzazzjoni" tal-politika ta' koeżjoni li, flimkien ma' elementi ta' flessibbiltà bħaż-żieda fir-rati ta' kofinanzjament tal-UE u l-modulazzjoni ta' prefinanzjament, kellha rwol importanti waqt il-kriżi finanzjarja fis-salvagwardja tal-investiment pubbliku f'reġjuni li jbatu minn xokkijiet ekonomiċi asimmetriċi;

29. jinnota li l-Iskema ta' Protezzjoni tal-Investiment Ewropew proposta tibda b'self, li huwa komponent ta' għotja relattivament żgħir u mekkaniżmu ta' assigurazzjoni bbażat fuq kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istat Membru; jenfasizza li l-Iskema jista' jkollha użu limitat għall-Istati Membri li għandhom ftit spazju fiskali u li jistgħu jsibuha diffiċli biex jisselfu fi żminijiet ta' kriżi;

30. jistieden lill-Kummissjoni telabora dwar skemi ta' stabbilizzazzjoni bbażati fuq l-għotjiet u bbażati fuq l-assigurazzjoni, bħal fond prekawzjonarju (rainy day fund);

31. jistenna bil-ħerqa l-pjattaformi ta' investiment nazzjonali mħabbra li fihom se jipparteċipaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-Fondi SIE u l-FEIS.

Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ